

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1108**tat-8 ta' Lulju 2015****li japprova s-sustanza bażika l-hall skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 23(5) flimkien mal-Artikolu 13(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-24 ta' April 2013 il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 23(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, mingħand l-*Institut Technique de l'Agriculture Biologique (ITAB)* għall-approvazzjoni tal-hall bħala sustanza bażika. Fis-17 ta' Marzu 2014 irċeviet applikazzjoni mingħand il-belt ta' Pariġi (fi Franza) biex jiżdedu l-użi maħsuba koperti mill-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-hall bħala sustanza bażika. Dawn l-applikazzjonijiet kellhom meħmuż magħhom l-informazzjoni meħtieġa skont it-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 23(3).
- (2) Il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") għal għajnuna xjentifika. Fit-12 ta' Awwissu 2014, l-Awtorità ppreżentat Rapport Tekniku dwar is-sustanza inkwistjoni lill-Kummissjoni ⁽²⁾. Fis-27 ta' Jannar 2015 il-Kummissjoni ppreżentat ir-rapport ta' analiżi ⁽³⁾ u abbozz ta' dan ir-Regolament lill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf, u ffinalizzathom għal-laqgħa tal-Kumitat tad-29 ta' Mejju 2015.
- (3) Id-dokumentazzjoni li ressaq l-applikant turi li l-hall jissodisfa l-kriterji ta' oġġett tal-ikel kif iddefinit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾. Barra minn hekk, is-sustanza mhix użata b'mod predominanti għall-finijiet ta' protezzjoni tal-pjanti, madankollu hija utli għall-protezzjoni tal-pjanti fi prodott li jikkonsisti mis-sustanza u mill-ilma. B'mod partikolari, wieħed ma għandux jaħseb li l-hall u l-aċidu aċetiku huma l-istess. Dan tal-aħħar huwa sustanza attiva li kienet iddaħħlet fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ⁽⁵⁾ bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/127/KE ⁽⁶⁾, kif kien ġie ċċarat fil-Komunikazzjoni interpretattiva tal-Kummissjoni ⁽⁷⁾ dwar l-ismijiet li jinbigħu bihom l-oġġetti tal-ikel. Għaldaqstant, il-hall għandu jitqies bħala sustanza bażika.
- (4) Mill-eżamijiet li saru deher li b'mod ġenerali, il-hall huwa mistenni li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-użi li ġew eżaminati u dettaljati fir-rapport ta' analiżi tal-Kummissjoni. Għaldaqstant jixraq li l-hall jiġi approvat bħala sustanza bażika.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 flimkien mal-Artikolu 6 tiegħu, u fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali, jeħtieġ li jiddaħħlu ċerti kundizzjonijiet għall-approvazzjoni, li huma spjegati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠUL 309, 24.11.2009, p. 1.

⁽²⁾ Ir-riżultat tal-konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-EFSA dwar l-applikazzjoni għall-hall bħala sustanza bażika u l-konklużjonijiet tal-EFSA dwar il-punti speċifiċi mqajma. EFSA supporting publication 2014:EN-641.37 pp.

⁽³⁾ http://ec.europa.eu/sanco_pesticides/public/?event=homepage.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠUL 31, 1.2.2002, p. 1).

⁽⁵⁾ Id-Direttiva Tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠUL 230, 19.8.1991, p. 1).

⁽⁶⁾ Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/127/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni ta' bosta sustanzi attivi (ĠUL 344, 20.12.2008, p. 89).

⁽⁷⁾ ĠU C 270, 15.10.1991, p. 2.

- (6) F'konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ⁽¹⁾ għandu jiġi emendat skont dan.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Approvazzjoni ta' sustanza bażika

Kif jispjefika l-Anness I, is-sustanza l-hall hija approvata bħala sustanza bażika bil-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011

Il-Parti C tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emendata skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

⁽¹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqşam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

ANNEX I

Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ⁽¹⁾	Data tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
Hall Nru tal-CAS: 90132-02-8	Mhux disponibbli	Grad ta' ikel li jkun fih massimu ta' 10 % ta' aċidu aċetiku.	fl-1 ta' Lulju 2015.	L-użi approvati huma biss dawk ta' fungjiċida u ta' batteriċida bħala sustanza bażika. Il-hall jista' jintuża f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi inklużi fil-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-hall (SANCO/12896/2014) u b'mod partikolari fl-Appendiċijiet I u II tiegħu.

⁽¹⁾ Aktar dettalji dwar l-identità l-ispeċifikazzjoni u l-użu tas-sustanza attiva nagħtaw fir-rapport ta' analiżi.

ANNEX II

Fil-Parti C tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011, qed tiżdied l-annotazzjoni li ġejja:

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ⁽¹⁾	Data tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
"5	Hall Nru tal-CAS: 90132-02-8	Mhux disponibbli	Grad ta' ikel li jkun fih massimu ta' 10 % ta' aċidu aċetiku.	fl-1 ta' Lulju 2015.	L-użi approvati huma biss dawk ta' fungjiċida u ta' batteriċida bħala sustanza bażika. Il-hall jista' jintuża f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi inklużi fil-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-hall (SANCO/12896/2014) u b'mod partikolari fl-Appendiċijiet I u II tiegħu."

⁽¹⁾ Aktar dettalji dwar l-identità l-ispeċifikazzjoni u l-użu tas-sustanza attiva nagħtaw fir-rapport ta' analiżi.